# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru: 927/2020MH**

**Illum, 10 ta' Diċembru 2021**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Vs**

**Sayed Amir Karim (K.I. Nru 0162548A)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi** datat 15 ta' Ottubru, 2021 fejn ġie premess illi –

*« Jesponi bir-rispett:*

*Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE dwar l-Assistenza Reċiproka għall-Irkupru ta' Talbiet li għandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miżuri Oħra tas-16 ta' Marzu 2010, tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-rigward ta' irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuta minn debituri ta' Stat Membru partikolari li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru ieħor, u miżuri oħra;*

*Illi din id-Direttiva ġiet implimentata fil-Liġi ta' Malta permezz tal-Ordni ravviżat fl-Avviż Legali Nru. 153 tas-sena 2012 liema Avviż Legali daħal fis-*

*seħħ fl-ewwel (1) ta' Jannar 2012 u jippermetti lil Ministru responsabbli għall-Finanzi u għas-servizzi Finanzjarji, bħala l-awtorità kompetenti, sabiex jiġbor taxxa dovuta fi Stati Membri oħra fejn id-debitur jinsab ġewwa Malta;*

*Illi ai termini tad-Direttiva imsemmija, l-awtorità kompetenti Tedeska, ossija l-awtorita` applikanti, għamlet talba għall-assistenza lill-esponent Kummissarju tat-Taxxi, f'isem il-Ministru responsabbli għall-Finanzi u għas-servizzi Finanzjarji, sabiex l-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess awtorita` applikanti;*

*Illi l-intimat għandu taxxa dovuta lill-awtorita` applikanti Tedeska fl-ammont ta' sitta u ħamsin elf, tmien mija u disgħa u għoxrin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmi (€56,829.49), kif jidher mill-Istrument Uniformi li jippermetti Infurzar hawn anness u immarkat bħala Dok. 'A', oltre interessi skont il-liġi;*

*Illi l-intimat huwa indikat li jinsab ġewwa Malta u għalhekk l-esponent qed jipproċedi sabiex jirkupra l-ammont hawn fuq imsemmi stante li l-imsemmi dejn qed jitqies daqslikieku kien dejn dovut lill-Gvern ta' Malta ai termini tal-Artikolu 9 tal-imsemmi Avviż Legali;*

*Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta' din it-talba ta' irkupru ġew imħarsa r-rekwiżiti relevanti kollha tal-imsemmija Direttiva;*

*Illi, madanakollu, l-intimat għandu dritt għal traduzzjoni tal-istess Dok. 'A' f'waħda mill-lingwi uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Malta. Fir-rigward ta' dan qiegħed jiġi allegat dokument ma' dan ir-rikors, u immarkat bħala Dok. 'B' sabiex l-intimat ikun speċifikament infurmat illi tali rikjesta għandha ssir fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' notifika ta' Dok. 'A'.*

*Għaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tas-sub-artikoli 9(6) u (7) tal-imsemmi Avviż Legali, fl-ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'A' u Dok. 'B' jiġu notifikati lill-intimat skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok.'A', bħala kopja uffiċċjali tagħha, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv. »*

Rat l-atti li l-intimat ġie notifikat kemm b'affissjoni kif ukoll b'publikazzjoni.

Rat ukoll l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern ta' 25 ta' Ġunju, 2021 ukoll estratti minn żewġ gazzetti lokali kif preżentati bin-nota tat-13 ta' Lulju, 2021 (Folio 25).

Dawn l-imsemmija pubblikazzjonijiet huma datati 30 ta' Ġunju, 2021 u 5 ta' Lulju, 2021. Ma daħħlet ebda risposta da parte tal-intimat.

**Konsegwentement il-Qorti m'għandha ebda triq ħlief tilqa' t-talba kif dedotta fl-intir tagħha.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**